**Amendment 6**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| – wara li kkunsidra ***l-Artikolu*** 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ***l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tal-Karta*** *Fundamentali tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea* u ***l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni*** Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, | – wara li kkunsidra ***l-Artikoli 16 u*** 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ***il-Karta*** *tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,* ***b'mod partikulari l-Artikolu 8 tagħha,*** u ***l-Konvenzjoni*** Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, ***b'mod partikulari l-Artikoli 6, 8 u 13 tagħha,*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi fid-dinja tagħna, li fiha l-mobilità hija karatteristika essenzjali, is-sigurtà ikbar u l-ġlieda mtejba kontra l-kriminalità għandhom imorru id f'id ma' skambju iktar effettiv u rapidu tad-data fl-Ewropa u fil-livell dinji, | G. billi fid-dinja tagħna, li fiha l-mobilità hija karatteristika essenzjali, is-sigurtà ikbar u l-ġlieda mtejba kontra l-kriminalità għandhom imorru id f'id ma' skambju iktar effettiv***, iffukat*** u rapidu tad-data fl-Ewropa u fil-livell dinji, |

Or. en


Magħquda fid-diversità

3.5.2010 B7-0244/8

**Emenda 8**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***- wara li kkunsidra d-dritt fundamentali għal-libertà tal-moviment, kif iggarantit mill-Artikolu 12 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,*** |

Or. en

**Emenda 9**

**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jitlob lill-Kummissjoni biex titlob, malajr kemm jista' jkun, lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali biex tipprovdi opinjoni dettaljata dwar id-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali ta' kwalunkwe ftehim ġdid dwar il-PNR;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jemmen li fi kwalunkwe ftehim ġdid għandhom ikunu provduti mekkaniżmi xierqa għar-reviżjoni u s-sorveljanza; | 6. Jemmen li fi kwalunkwe ftehim ġdid għandhom ikunu provduti mekkaniżmi xierqa għar-reviżjoni ***indipendenti*** u s-sorveljanza ***ġudizzjarja u l-kontroll demokratiku***; |

Or. en

**Emenda 11**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 – punt (a)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li d-data tal-PNR tkun tista’ tintuża biss għal skopijiet ta’ infurzar tal-liġi u ta’ sigurtà f'każijiet ta' kriminalità organizzata u transnazzjonali jew terroriżmu ta' natura transkonfinali, fuq il-bażi tad-definizzjonijiet legali stipulati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[13]; | (a) li d-data tal-PNR tkun tista’ tintuża biss għal skopijiet ta’ infurzar tal-liġi u ta’ sigurtà f'każijiet ta' kriminalità organizzata u transnazzjonali ***serja*** jew terroriżmu ta' natura transkonfinali, fuq il-bażi tad-definizzjonijiet legali stipulati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[13] ***u fid-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew***[14]; |
| [13] ĠU L 330, 9.12.2008, p. 21. | [13] ĠU L 330, 9.12.2008, p. 21.<br>***[14] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.*** |

Or. en

**Emenda 12**

**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 – punt (f a) (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) li r-riżultati jkunu mgħarrfa immedjatament lill-awtoritajiet rilevanti tal-UE u tal-Istati Membri;*** |

Or. en

3.5.2010 B7-0244/13

**Emenda 13**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Presidenza biex jiżguraw li l-Parlament jingħata aċċess sħiħ għad-dokumenti u d-direttivi tan-negozjati fl-istadji kollha tal-proċedura u li l-parlamenti nazzjonali jingħataw aċċess fuq talba; | 10. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Presidenza biex jiżguraw li l-Parlament jingħata aċċess sħiħ għad-dokumenti u d-direttivi tan-negozjati fl-istadji kollha tal-proċedura***, skont l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** u li l-parlamenti nazzjonali jingħataw aċċess fuq talba; |

Or. en

3.5.2010 B7-0244/14

**Emenda 14**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 14 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – il-programm ta' Stokkolma[13],*** |

***[13] Testi adottati P7_TA(2009)0090.***

Or. en

**Emenda 15**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Birgit Sippel**
f'isem il-Grupp S&D
**Jan Philipp Albrecht**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu li jiġġieled kontra t-terroriżmu u kontra l-kriminalità organizzata u transnazzjonali, u fit-twemmin sod tiegħu fil-ħtieġa li ***jinstab il-bilanċ ġust bejn miżuri ta' sigurtà u l-protezzjoni tal-libertajiet*** ċivili u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi żgurat l-ikbar rispett għall-privatezza, l-awtodeterminazzjoni informattiva u l-protezzjoni tad-data; itenni li n-neċessità u l-proporzjonalità huma prinċipji ewlenin mingħajr liema l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tkun effettiva; | 1. Ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu li jiġġieled kontra t-terroriżmu u kontra l-kriminalità organizzata u transnazzjonali, u ***fl-istess ħin*** fit-twemmin sod tiegħu fil-ħtieġa li ***jitħarsu l-libertajiet*** ċivili u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi żgurat l-ikbar rispett għall-privatezza, l-awtodeterminazzjoni informattiva u l-protezzjoni tad-data; itenni li n-neċessità u l-proporzjonalità huma prinċipji ewlenin mingħajr liema l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tkun effettiva; |

Or. en

3.5.2010 B7-0244/16

**Emenda 16**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 – punt (c)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li d-data tal-PNR fl-ebda ċirkostanza ma tista' tintuża għall-estrazzjoni tad-data jew għat-tħejjija tal-profili tad-data; l-ebda deċiżjoni ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni ma tista' tittieħed unikament fuq ir-riżultati ta' tfittxijiet awtomatizzati bħal dawn jew tfittxijiet fil-bażijiet tad-data; l-użu tad-data għandu jkun limitat għal krimini u theddid speċifiku, fuq bażi ta' każ b'każ; | (c) li d-data tal-PNR fl-ebda ċirkostanza ma tista' tintuża għall-estrazzjoni tad-data jew għat-tħejjija tal-profili tad-data; l-ebda ***deċiżjoni biex passiġġier ma jtirx jew*** deċiżjoni ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni ma tista' tittieħed unikament fuq ir-riżultati ta' tfittxijiet awtomatizzati bħal dawn jew tfittxijiet fil-bażijiet tad-data; l-użu tad-data għandu jkun limitat għal krimini u theddid speċifiku, fuq bażi ta' każ b'każ; |

Or. en

3.5.2010 B7-0244/17

**Emenda 17**
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 14 b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-ftehima internazzjonali prevista biex id-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu data minn messaġġi ta' pagamenti finanzjarji għall-fini tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu[14],*** |

***[14] Testi adottati, P7_TA-PROV(2009)0016.***

Or. en

3.5.2010 B7-0244/18

**Emenda 18**
**Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 14 c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta UE-USA dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni f'Toledo fil-21 ta' Jannar 2010,*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-Ftehim bejn l-UE u l-Kanada dwar it-trasferiment tal-PNR m'għadux validu, minħabba li skadiet id-Deċiżjoni ta' Adegwadezza f'Settembru 2009, u t-trasferiment tad-data tal-PNR minn dik id-data 'l quddiem seħħ fuq il-bażi ta' negozjati ***bilaterali*** mill-Kanada mal-Istati Membri, | C. billi l-Ftehim bejn l-UE u l-Kanada dwar it-trasferiment tal-PNR m'għadux validu, minħabba li skadiet id-Deċiżjoni ta' Adegwadezza f'Settembru 2009, u t-trasferiment tad-data tal-PNR minn dik id-data 'l quddiem seħħ fuq il-bażi ta' negozjati ***unilaterali*** mill-Kanada mal-Istati Membri, |

Or. en